# Il-Malti MA 22

***SYLLABUS***

| **Il-Malti MA 22** | (Jingħata f'Settembru wkoll) |
|---|---|
| **Is-Sillabu** | L-1 Karta (3 sigħat) + it-2 Karta (3 sigħat) + it-3 Karta (3 sigħat) |

**L-Għanijiet Ġenerali**

Bis-saħħa ta' kors mibni fuq dan is-sillabu, il-kandidati għandhom jaslu biex:

1. jifhmu aħjar il-lingwa Maltija fil-forom differenti tagħha fil-ħajja ta' kuljum;
2. japprezzaw il-lingwa Maltija u l-letteratura tagħha bħala espressjoni ta' ruħ il-poplu li jitkellimha;
3. jużaw il-lingwa b'mod effettiv bħala mezz ta' komunikazzjoni fl-oqsma kollha tal-ħajja, b'reqqa sħiħa fl-għażla tal-kelma u tal-frażjoloġija, fil-binja tas-sentenzi, u fit-tqassim tal-paragrafi marbutin ma' xulxin.

**L-Għanijiet Partikolari**

Is-sillabu għandu tliet karti li l-għanijiet partikolari tagħhom huma dawn:

*Il-Lingwa u l-Lingwistika* (Karta 1)
F'din it-taqsima l-kandidati huma mistennija juru li għandhom il-ħila:

1. jifhmu u japprezzaw is-sehem tal-lingwa nazzjonali f'soċjetà bilingwi;
2. japprezzaw ir-rabta bejn l-istorja ta' Malta u l-iżvilupp ta' l-ilsien Malti u jikkummentaw dwarha;
3. jagħżlu t-tagħrif minn għejun differenti, jinterpretawh, u jwassluh f'bixra ġdida għal għanijiet u udjenzi differenti;
4. jikkomunikaw l-ideat tagħhom b'Malti tajjeb;
5. fejn tidħol il-kitba Maltija, isegwu l-ortografija uffiċjali ta' l-ilsien Malti. [N.B. L-ortografija uffiċjali tal-Malti hija magħmula mit-tliet dokumenti (1924, 1984 u 1992) li jinsabu fil-paġni 1-143 ta' *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija 2* (pubblikazzjoni ta' l-Akkademja tal-Malti, Klabb Kotba Maltin: 2004), u hija soġġetta għal kull aġġornament li l-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti jista' jippubblika minn żmien għal żmien.]

*Il-Letteratura u l-Kritika* (Karti 2 u 3)
Billi l-għan ta' l-istudju tal-letteratura hu li jkunu apprezzati s-siwi u s-sbuħija tagħha fiha nfisha u li tingħaraf l-importanza tagħha fl-iżvilupp intellettwali tal-poplu Malti, f'dawn it-taqsimiet il-kandidati jridu juru li:

1. jifhmu kitbiet bil-Malti ta' l-imgħoddi u tal-preżent fl-isfond storiku-kulturali tagħhom u fil-post tagħhom fl-istorja tal-letteratura Maltija;
2. japprezzaw dawn il-kitbiet u jikkummentaw dwarhom mhux biss għall-kontenut tagħhom fih innifsu iżda wkoll bħala damma ta' ideat u sentimenti li jista' jġarrabhom kulħadd, 'il barra mil-letteratura;
3. jikkritikaw xogħlijiet letterarji bir-reqqa, b'mod li juru x-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħhom.

**L-Iskema ta' l-Eżami**

L-eżami fih tliet karti tal-kitba. Fil-karti kollha l-kandidati jridu jiktbu proża kontinwa u l-eżaminaturi jqisu l-kwalità tal-lingwa fit-tweġibiet kollha.

**L-Ewwel Karta: *Il-Lingwa u l-Lingwistika*** (3 sigħat) - 40% tal-marki kollha

1. **IL-KOMPONIMENT** (20% tal-marki kollha)
   Jingħata għadd xieraq ta' temi, b'enfasi fuq temi argumentattivi, biex tingħażel tema waħda. F'dan it-taħriġ iridu jintwerew il-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku. Il-komponiment irid ikun fih bejn 550 u 600 kelma.

2. **IT-TAQSIRA *JEW* L-ITTRA** (5% tal-marki kollha)
   Tingħata għażla bejn *Taqsira* u *Ittra*.

   *It-Taqsira* - Tingħata silta ta' proża (li ma tkunx itwal minn 300 kelma) biex il-kandidati jqassruha f'paragrafu wieħed ta' madwar 100 kelma. Is-silta tista' tittieħed minn tipi differenti ta' testi li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. It-taqsira tistħarreġ il-ħila tal-kandidati li jifhmu s-silta sewwa, jisiltu minnha l-argumenti ewlenija u jrodduhom fi kliemhom f'għamla ġdida aktar ikkondensata.

   *L-Ittra* - Il-kandidati jintalbu jiktbu ittra ta' mhux inqas minn 150 kelma dwar tema jew sitwazzjoni. Ngħidu aħna, jistgħu jintalbu jiktbu ittra f'gazzetta, ittra personali, ittra ta' applikazzjoni, ilment jew kumpliment u oħrajn. Fl-ittra l-kandidati jintalbu jwasslu messaġġ ċar b'lingwaġġ li jilħaq lis-semmiegħa jew lill-qarrejja.

3. **IL-LINGWISTIKA MALTIJA** (15% tal-marki kollha)
   Din it-taqsima tistħarreġ l-iżvilupp ta' l-ilsien Malti. It-test magħżul huwa:
   - Borg, K. (editur), Lingwa u Lingwistika, Klabb Kotba Maltin: 1998,

   li minnu jintgħażlu dawn il-kapitli:

   - Kap 5: Is-Sintassi
   - Kap 7: Is-Semantika
   - Kap 8: L-Istilistika
   - Kap 17: Il-Malti Lsien Imħallat
   - Kap 18: Il-Bilingwiżmu

   Jingħataw tliet mistoqsijiet fuq kapitli differenti u l-kandidati jridu jwieġbu waħda biss. Fil-każ ta' Kap 17 (Il-Malti Lsien Imħallat), il-kandidati għandhom jagħrfu japprezzaw kemm l-element bażiku Semitiku kif ukoll l-element Rumanz u Ingliż li żdied u ngħaqad miegħu.

**It-Tieni Karta: *Il-Poeżija*** (3 sigħat) - 30% tal-marki kollha

Din il-karta għandha tliet taqsimiet u l-kandidati jridu jwieġbu t-tliet taqsimiet.

**Taqsima (a) IL-POEŻIJA TA' L-EWWEL NOFS TAS-SEKLU XX** (10% tal-marki kollha)

It-test magħżul għal din it-taqsima huwa:

- Friggieri, O. (editur), *Il-Poeżija Maltija*, Università ta' Malta: 1996.

Għal din it-taqsima l-kandidati għandhom jistudjaw minn Dun Karm sa Wallace Gulia (jiġifieri minn p.74 sa p.232). Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq din it-taqsima biex titwieġeb mistoqsija waħda biss.

It-temi magħżula għal din it-taqsima huma:

- L-esperjenza reliġjuża
- L-ambjent naturali
- L-identità ta' poplu
- It-tiġrib tal-ħajja

Il-kandidati mistennija jistudjaw mill-inqas għaxar poeżiji dwar kull tema.

**Taqsima (b) IL-POEŻIJA TAT-TIENI NOFS TAS-SEKLU XX** (10% tal-marki kollha)

It-test magħżul għal din it-taqsima huwa:

- Friggieri, O. (editur), *Il-Poeżija Maltija*, Università ta' Malta: 1996.

Għal din it-taqsima l-kandidati għandhom jistudjaw minn Marjanu Vella 'l quddiem (jiġifieri minn p.232 sa p.451). Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq din it-taqsima biex titwieġeb mistoqsija waħda biss.

It-temi magħżula għal din it-taqsima huma:

- L-esperjenza reliġjuża
- L-ambjent naturali
- L-identità ta' poplu
- It-tiġrib tal-ħajja

Il-kandidati mistennija jistudjaw mill-inqas għaxar poeżiji dwar kull tema.

**Taqsima (ċ) IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)** (10% tal-marki kollha)

Jingħataw żewġ poeżiji biex tingħażel waħda minnhom u jsir stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwarha, skond ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Il-poeżija għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim ta' l-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-metafori u lill-għażla tal-kliem.

**It-Tielet Karta: *In-Narrattiva u d-Drama*** (3 sigħat) - 30% tal-marki kollha.

Din il-karta jkollha tliet taqsimiet u l-kandidati jridu jwieġbu t-tliet taqsimiet.

Mit-Taqsima (a) u mit-Taqsima (b) l-kandidati jridu jwieġbu fuq xogħol wieħed biss minn kull taqsima.

**Taqsima (a) ID-DRAMA** (10% tal-marki kollha)

Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kull dramm u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda fuq dramm wieħed:

- Ebejer, F., *Il-Ġaħan ta' Binġemma*
- Diacono, Ġ., *L-Ewwel Jien*

**Taqsima (b) IN-NARRATTIVA** (10% tal-marki kollha)

Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kull test u l-kandidati jridu jwieġbu mistoqsija waħda fuq test wieħed:

- Sammut, F., *Il-Gaġġa*
- Spiteri, L., *Ħala taż-Żgħożija*

**Taqsima (ċ) Il-KRITIKA LETTERARJA (SILTA TA' PROŻA)** (10% tal-marki kollha)

Jingħataw żewġ siltiet ta' proża biex tingħażel silta waħda minnhom u jsir stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwarha. Il-kandidati għandhom iżommu f'moħħhom li f'dan it-taħriġ m'għandhiex tingħata t-taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha skond il-binja tagħha—narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija—daqskemm bħala l-ġabra ta' l-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem u lil kulma jirrendiha letterarja.